



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6698/18

LIMITE

JUR 95
COMAR 3
COJUR 3
ENV 140

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati,
f'isem l-Unjoni Ewropea,
dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti
fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar
dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar
fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari
l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218 (3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (l-"UNCLOS") bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE¹, fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet li l-kompetenza fir-rigward tagħhom ġiet ittrasferita lill-Unjoni mill-Istati Membri tagħha. L-Unjoni sal-lum hija l-unika organizzazzjoni internazzjonali li hija parti għal dik il-Konvenzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 305(1)(f) u tal-Artikolu 1 tal-Anness IX tal-UNCLOS.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

- (2) Bħala parti għall-UNCLOS, l-Unjoni, flimkien mal-Istati Membri tagħha, ħadet sehem fil-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc Informali u Miftuħ tan-NU li ltaqa' mill-2006 sal-2015 biex jiġu studjati kwistjonijiet relatati mal-konservazzjoni u mal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali. L-Unjoni ħadet sehem ukoll, flimkien mal-Istati Membri tagħha, fl-erba' sessjonijiet, fl-2016 u fl-2017, tal-Kumitat ta' Tħejjija li nġhata l-mandat biex jagħmel rakkomandazzjonijiet sostantivi lill-Assemblea Ġenerali dwar l-elementi ta' strument internazzjonali futur legalment vinkolanti taħt l-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali ("l-istrument").¹
- (3) Il-Kumitat ta' Tħejjija adotta r-rapport tiegħu fil-21 ta' Lulju 2017 u rrakkomanda li l-Assemblea Ġenerali tikkunsidra l-elementi li jinsabu fir-rakkomandazzjoni tiegħu u li tiegħu deċiżjoni, malajr kemm jista' jkun, dwar it-tlaqqiġ ta' konferenza intergovernattiva, taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti, biex tikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Tħejjija u biex telabora t-test ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti taħt l-UNCLOS.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/455 tat-22 ta' Marzu 2016 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, fisem l-Unjoni Ewropea, dwar l-elementi tal-abbozz ta' test ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (ĠU L 79, 30.3.2016, p. 32).

- (4) Abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, fl-24 ta' Diċembru 2017, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċidiet permezz tar-Riżoluzzjoni A./RES/72/249 (ir-"riżoluzzjoni"), li tlaqqa' konferenza intergovernattiva biex telabora t-test ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti taħt l-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.
- (5) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-UNCLOS. Flimkien mal-Istati Membri tagħha, l-Unjoni jenħtieġ li tieħu sehem fin-negozjati tal-istrument. Id-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-laqgħat tal-konferenza intergovernattiva huma koperti fil-paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni.
- (6) Il-kwistjonijiet koperti min-negozjati jistgħu jaqgħu fl-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni kif ukoll fl-oqsma ta' kompetenza tal-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet li huma ta' kompetenza tal-Unjoni u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli, dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha twettaq in-negozjati f'isem l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet li huma ta' kompetenza tal-Unjoni u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni adottat regoli, f'konformità mad-direttivi ta' negozjar imniżżla fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni. Id-Direttivi ta' Negozjar ma jistgħux jinqraw bħala li jaffettwaw b'xi mod il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-komitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) TFUE. Il-komitat speċjali huwa l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar (COMAR).

Artikolu 4

Safejn is-suġġett tan-negozjati huwa ta' kompetenzi kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib matul il-proċess tan-negozjati, bil-għan li tkun żgurata unità fir-rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
